**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Mejju, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 167/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**David Tanti u/jew Joe Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn wiehed u tletin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm231.84), dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagunaw il-konvenuti jew min minnhom fuq cables appartenenti lis-socjeta` attrici fi Triq Blacktail, Bugibba, f'Lulju, 2000, (skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A);**

**Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati Settembru u Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-incident.**

**Ra li l-konvenut deher fis-seduta tal-5 t'April, 2001, u eccepixxa l-pagament.**

**Semgha x-xhieda ta' David Tanti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-konvenut esebixxa "statement of account" tal-Bank mill-liema jirrizulta li l-pagament fir-rigward tal-pretensjonijiet attrici kien sar permezz ta' cekk numru 3150, fil-25 ta' Jannar, 2001. Ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.**

**Jidher li l-pagament sar wara li ntbaghtu l-ittri ufficjali fuq riferiti, l-ispejjez ta' liema ghandhom jigu sopportati mill-konvenut. Ma hemmx lok li jinghata l-imghax kif mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-pagament sollevata, u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-sorte u imghax mitluba.**

**Dwar l-ispejjez, dawna ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, hlief ghall-ispejjez ta' l-ittri ufficjali, datati Settembru u Novembru, 2000, li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**